KULLEĠĠ SAN BENEDITTU
Skola Sekondarja, Ħal Kirkop

L-EŻAMI TA' NOFS IS-SENA – 2015-2016

Rotta 3

IR-RABA' KLASSI **MALTI** **ĦIN: KWARTA**

IS-SMIGĦ MILL-QARI
Il-Karta tal-Għalliema

Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u l-istudenti jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.

L-Istruzzjonijiet għall-Qari tas-Silta:

1.	L-istudenti jintalbu jiftħu l-karta. L-għalliema jaqraw is-silta u l-istudenti jisimgħu b'attenzjoni u ma jiktbu xejn waqt il-qari.
2.	Waqt li l-għalliema jaqraw għal darba l-eżerċizzji tas-silta, l-istudenti jistgħu jaħdmu t-tweġibiet.
3.	L-għalliema jaqraw is-silta għat-tieni darba. L-għalliema jerġgħu jaqraw l-eżerċizzji u jagħtu ċans lill-istudenti jaħdmu t-tweġibiet kollha.

IL-PALAZZ TAL-PRESIDENT

Il-Palazz tal-President fil-Belt Valletta, jinsab fi Pjazza San Ġorġ fejn l-ilma jiżfen mal-mużika u d-dawl. Dan il-palazz kien fost l-ewwel binjiet li nbnew fil-Belt Kapitali meta l-Kavallieri ta' San Ġwann taħt it-tmexxija tal-Granmastru La Vallette, telqu mill-Birgu u bnew il-Belt fuq l-għolja Xebb ir-Ras.

Oriġinarjament, dan kien il-Palazz tal-Granmastru, jiġifieri dak li kien imexxi l-Kavallieri, u allura lil Malta. Jekk wieħed iħares ftit lejn il-mappa tal-Belt Kapitali, wieħed mal-ewwel jinduna li dan il-palazz jinsab fin-nofs tal-Belt. Fil-fatt, qiegħed sew fit-triq prinċipali, li hi Triq ir-Repubblika. Bħal diversi binjiet oħrajn fil-Belt Valletta, id-disinn sar mill-perit Ġlormu Cassar u nbena fl-1571. Madanakollu diversi Granmastri għamlu xogħlijiet ta' tisbiħ u tkabbir fuqu matul is-snin.

Meta l-Kavallieri ħallew Malta, il-Palazz għadda f'idejn il-Gvern Ingliż, u kien iservi bħala l-uffiċċju tal-Gvernatur Malti. Wara li Malta saret Repubblika, il-Palazz sar l-uffiċċju tal-President ta' Malta.

Il-Palazz fih żewġ bibien prinċipali, li t-tnejn li huma jagħtu għal ġo bitħa. F'bitħa minnhom insibu statwa tal-bronż tal-alla Grieg Nettuno. Madwar dawn il-btieħi nsibu kmamar li llum jintużaw għal diversi skopijiet. Fosthom insibu l-Kamra tal-Kunsill li hi mżejna b'tapezzeriji kbar li għandhom 'il fuq minn 300 sena. Insibu wkoll il-kmamar li fihom il-President ta' Malta tiltaqa' ma' persuni importanti bħal Presidenti ta' pajjiżi oħrajn.

L-ismijiet ta' dawn il-kmamar huma ftit partikulari u huma marbuta ma' dak li hemm ġewwa fihom. Pereżempju, il-Kamra tat-Tron, li fiha hemm is-sedja tal-awtorità tal-President, il-Kamra tal-Ambaxxaturi li hi mżejna b'pitturi ta' diversi Granmastri u l-Kamra l-Ħamra li hi mżejna b'damask aħmar. Fis-sular t'isfel hemm l-Armerija tal-Palazz, fejn hemm armi u armaturi tas-suldati li jmorru lura sa minn żmien il-Kavallieri.

(Addattament minn artiklu ta' Karol Paul Debono li deher fix-Xehda Għasel, Nov-Diċ 2014)

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:-

(10 marki = marka kull tweġiba)

1. Il-Palazz tal-President jinsab ***(l-Imdina, il-Belt Valletta, il-Belt Victoria)***.

2. ***VERU jew FALZ***
Il-Palazz tal-President kien l-aħħar binja li bnew il-Kavallieri qabel telqu minn Malta. ____________________

3. ***VERU jew FALZ***
Il-Palazz tal-President jinsab fin-nofs tal-Belt Valletta. ______________

4. Isem il-perit li għamel id-disinn tal-Palazz tal-President.
____

5. Kemm fih bibien prinċipali l-Palazz tal-President? ___________________

6. Ta' liema alla Grieg insibu l-istatwa f'waħda mill-btieħi tal-Palazz tal-President? ____

7. Il-Kamra tal-Kunsill hi mżejna b'_________________________ li għandhom 'il fuq minn __________ sena.

8. Għalfejn kamra minnhom tissejjaħ il-Kamra tat-Tron?
____
____

9. X'insibu fis-sular t'isfel tal-Palazz tal-President?
____